**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2002

**Numru 27**

**Avviz numru 737/02JR**

**Futura Home Appliances Company Limited**

**vs**

**David Zahra**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-26 ta' Marzu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mija u hames liri Maltin u erba' centezmi (Lm105.04), rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal bejgh u konsenja ta' oggetti (Dok.A);**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittri bonarji ta' l-10 ta' Jannar, 2002, u tat-13 ta' Frar, 2002, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Frank Cassar ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta` thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hames liri Maltin u erba' centezmi (Lm105.04) bl-imghax legali mis-26 ta' Marzu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji ta' l-10 ta' Jannar, 2002, u tat-13 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**